MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 24/2010

A B
(ID no 0374259 M) ammessa ghall-beneficcju tal-ghajnuna legali b'digriet numru 174/09
vs
Avukat Dr Renzo Porsella Flores u l-P.L. Marie Claire Bartolo b'digriet tad-29 ta' Novembru 2012 gew nominati kuraturi deputati biex jirrappresentaw lill-assenti
F B

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi r-rikorrenti u l-intimat izzewgu fl-4 ta' Settembru 1999.
2. Illi l-hajja konjugali ta' bejn il-kontendenti m'ghadiex aktar possibli minhabba f'sevizzi, theddid u ingurji gravi da parti tal-intimat.

3. Illi bejn il-partijiet kienet tezisti wkoll inkompatibilita ta' karattru, u oltre f'Ottubru 2008, l-intimat telaq mid-dar matrimonjali, ha hwejjgu kollha u rritorna lura lejn pajjizu l-Egittu peress illi skond ma qal iddejjaq jghix Malta u ried jiehu hsieb lill-ommu;
4. Illi minhabba fis-suespost iz-zwieg tkisser irrimedjabilment.
5. Illi minn dan iz-zwieg il-kontendenti ghandhom zewg ulied minuri N ta' 9 snin u D ta' 7 snin.
6. Illi r-rikorrenti giet awtorizzata b'digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) datat 27 ta' Novembru 2009 biex tipprocedi ghas-separazzjoni kontra l-intimat (dok. A).
7. Illi l-fatti hawn fuq dikjarati tafhom hi personalment.

Talbet li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1) Tippronunzja bejn il-kontendenti is-separazzjoni personali minhabba li z-zwieg taghhom tkisser irrimedjabilment minhabba htija jew htijiet imputtabbli lill-intimat, billi huwa rrenda ruhu hati fil-konfront taghha ta' sevizzi, theddid u ingurji gravi u abbandun totali, kif wkoll minhabba f'inkompatibilita ta' karattru, u tawtorizza lill-esponenti tghix separata minn ma zewgha.
2) Tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri imsemmija tigi fdata f'idejn l-esponenti.
3) Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici ghaliha u ghall-wild minuri imsemmi retta alimentarja f'dak l-ammont u taht dawk il-modalitajiet li jidrilha xierqa.
4) Tiddikjara xolta u terminata l-komunjoni tal-akkwisti esistenti bejn il-kontendenti u tillikwida l-istess komunjoni tal-akkwisti u tordna li l-oggetti formanti l-istess komunjoni jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet komposti kif jigi stabilit u ordnat minn din l-Onorabbli Qorti, liema porzjonijiet jigu assenjati wahda lir-rikorrenti u l-ohra lill-intimat u dan okkorrendo ghall-finijiet ta' din it-talba bl-opera ta' periti nominandi.
5) Tordna li l-beni dotali u parafernali tal-esponenti jigu assenjati lilha.
6) Tordna d-dekadenza tal-intimat mill-jeddijiet konjugali kif mahsub fl-artikoli 48 u 51 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez tal-prezenti, kontra l-intimat ingunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat it-twegiba mahlufa tal-intimati nomine li in forza taghha huma eccepew:

Illi huma ma jafux il-fatti li wasslu ghall-kawza u hekk kif l-attrici tghaddilhom kull taghrif li ghandha – l-ahhar indirizz tal-Egittu – ta’ zewgha F B, li ghalih huma inhatru biex jidhru, huma jaghmlu hilithom biex jaqbdu mieghu u jaqdu dmirhom kif imiss;

Illi ghalhekk jirriservaw id-dritt li jressqu twegiba ohra aktar ‘il quddiem;

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati;

Rat in-nota guramentata tal-attrici ;

Rat il-provi kollha li tressqu, id-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta’ dan il-procediment ;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum ;

Ikkunsidrat :

Illi il-qorti ghandha quddiemha kawza ta’ separazzjoni personali bejn il-partijiet fejn l-attrici tikkontendi li z-zwieg tkisser ghal ragunijiet li huma imputabbli lill-intimat assenti.

Il-qorti tirrileva li permezz tan-nota ta’ eccezzjonijiet taghhom il-kuraturi deputati appuntati sabiex jirrapprezentaw lill-intimat assenti ddikjaraw li m’humiex edotti mill-kaz u ddikjaraw li ser jaghmlu l-ghalmu taghhom biex jaghmlu xi forma ta’ komunikazzjoni mal-intimat u konsegwentement irriservaw li jipprezentaw

risposta guramentata ulterjuri f'kaz li jirnexxilhom jottjenu aktar informazzjoni dwar il-kaz odjern.

## **Il-VERZJONI TAL-ATTRICI**

Permezz tal-affidavit taghha[1], r-rikorrenti tghid li z-zwieg tal-partijiet sehh nhar l-4 ta' Settembru 1999 wara li l-partijiet kienu ilhom jafu lil xulxin madwar tlett xhur. Tghid li ghall-ewwel iz-zwieg kien mhux hazin b'dan li kien ikollhom argumenti normali ta' bejn il-mizzewgin. L-intimat kien isemmi hafna lil ommu u kien imur izurha ta' spiss b'dan li r-rikorrenti qatt ma oggezzjonat. Fis-sena 2008 tghid li hu qabad hwejjgu kollha u qallha li kien sejjer l-Egittu jara lil ommu u li ma kienx jaf meta kien gej lura. Ghalkemm ghall-bidu t-telefonati kienu jkunu ta' spiss, maz-zmien dawn naqsu u kienu intizi biss sabiex l-intimat assenti jkellem lill-ulied li kienu lahqu twieldu maz-zmien. L-intimat qatt ma rega' gie lura.

Ir-rikorrenti tghid ukoll li l-intimat qatt ma ta kaz tal-ulied, N u D, minkejja li din tal-ahhar tbati bil-kundizzjoni tad-*down syndrome*. Kienet hi li dejjem hadet hsieb l-istess ulied kemm fejn tidhol l-iskola kif ukoll l-aspett mediku taghhom ghaliex l-intimat qatt ma ta kaz ta' xejn, ghalkemm fiz-zmien li kien hawn kien ihallas is-somma ta' disghin lira maltin fix-xahar bhala manteniment. Tghid ukoll li fil-prezent m'huwa qieghed ihallas xejn u li qieghda tghix bl-ghajnuna socjali u tiehu wkoll ic-*children's allowance.*

Taghlaq l-affidavit taghha billi tghid li fiz-zwieg u formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti hemm biss lokazzjoni tad-dar matrimonjali minghand il-Gvern ta' Malta kif ukoll l-ghamara u l-*appliances* li hemm fl-istess fond li inghataw lilha minn entitajiet karitattivi kif ukoll da parti ta' ommha. Tiddikjara li m'hemm ebda dejn u li sa' fejn taf hi, l-intimat ma ghandu ebda dejn lanqas. Titlob li tigi assenjata l-kirja tal-fond matrimonjali sabiex b'hekk hi u wliedha jkollhom saqaf fuq rashom.

[1] Ara a fol 44 tal-process

## IL-PROVI MIGBURA QUDDIEM DIN IL-QORTI

Il-qorti tirrileva li apparti n-nota guramentata li tipprezenta l-attrici u li fiha telenka x'inhuma l-pretensjonijiet taghha u l-affidavit taghha stess, m'hemm ebda prova ohra. Ghalhekk fic-cirkustanzi, il-Qorti trid necessarjament tevalwa tali provi fid-dawl tat-talbiet hekk kif dedotti u tara jekk ir-rikorrenti rnexxilhiex taghmel prova ta' dak li qeghda tallega.

## DWAR IT-TALBA GHAS-SEPARAZZJONI PERSONALI

Dwar l-ewwel talba, il-qorti fl-ewwel lok taghmel referenza ghal Artikolu 41 tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jsegwi hekk:

"***Kull waħda mill-partijiet miżżewġa tista' wkoll titlob il-firda jekk, għal sentejn jew iżjed, tkun abbandunata mill-oħra, mingħajr raġuni tajba***".

Permezz tal-affidavit taghha, l-attrici tiddikjara li l-intimat telaq mid-dar matrimonjali f'Ottubru 2008 u qatt ma rega' mar lura. Il-qorti m'ghandha ebda prova kontrarja ghal dak li qed issostni l-attrici u tiddikjara wkoll li ma tara ebda raguni ghaliex m'ghandhiex taghti kredibilita' lil tali verzjoni. Tenut kont ta' tali abbandun li, skont dak li tghid l-attrici, sar ghaliex l-intimat assenti huwa ragel li qatt ma assuma r-responsabbilita' tal-minuri jew tal-familja, kif ukoll ghaliex jidher li l-istess intimat ta importanza assoluta lil ommu b'tali mod li abbanduna l-familja tieghu hawn Malta, allura t-talba taghha ghas-separazzjoni personali ma tistax ma tintlaqax.

## DWAR IT-TALBA GHALL-KURA U L-KUSTODJA TAL-ULIED

Il-qorti tirrileva li ghalkemm ma semghet ebda provi da parti tal-intimat, jirrizulta bl-aktar mod car li, ghall-anqas miz-zmien meta l-intimat telaq barra minn Malta, kienet l-attrici li assumiet il-kura u l-kustodja effettiva tal-minuri N u D. Jirrizulta car ukoll li l-istess attrici ghandha l-interessi

tal-minuri ghal qalbha tant li qieghda titlob li tigi fdata bil-kura u l-kustodja tal-istess minuri. Il-qorti hija konvinta sal-grad rikjest mill-ligi li l-attrici hija kapaci tiehu hsieb lill-minuri bl-ahjar mod li tista', kif wara kollox ilha taghmel ghal diversi snin issa u dan qieghed jinghad ghaliex m'hemm ebda prova kuntrarja ghal dan.

Kwistjonijiet relatati mal-kura u l-kustodja tal-minuri jridu jigu decizi necessarjament fid-dawl tal-principju tal-ahjar interessi tal-istess minuri. F'dan l-istadju ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **M. Bonnici vs Onor J. Raynaud**[2] fejn gie dikjarat li *"***Il-principju li ghandu jipprimeggja, meta l-Qorti tigi biex taghti provvediment dwar il-kura tat-tfal huwa dak li huwa suggerit mill-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantagg ghall-interess tal-istess tfal***"* kif ukoll ghall-kawza fl-ismijiet ***Dr. V. Randon vs J. Randon***[3] *u* ***Scifo Diamantino vs M. Scifo Diamantino***[4] fejn gie ritenut li *"***r-regola generali f'din il-materja hi l-ahjar interess u vantagg tat-tfal***"* Il-qorti ma thossx li huwa l-kaz li tkompli tamplifika b'kazistika li jkomplu jaghti sostenn lil dan l-argument stante li ma tezisti ebda kontestazzjoni dwar fuq x'hiex ghandha tkun bazata d-decizjoni tal-qorti.

Ghalhekk, fid-dawl ta' dak citat u fid-dawl tan-nuqqas ta' prova li l-attrici m'hijiex omm idonea ghall-istess minuri, il-qorti thoss li huwa xieraq li l-istess attrici tigi fdata bil-kura u l-kustodja tal-istess minuri.

## DWAR IT-TALBA GHAL HLAS TA' MANTENIMENT

Il-qorti taghmel referenza ghan-nota guramentata tar-rikorrenti fejn tiddikjara li qabel ma telaq barra minn Malta, l-intimat assenti kien ihallas is-somma ta' Lm90 fix-xahar ghall-hajja izda prezentement m'huwa qieghed ihallas ebda manteniment, la ghaliha u lanqas ghall-ulied.

Il-qorti tinnota li r-rikorrenti giet ammessa ghall-ghajnuna legali. Hi fil-fatt tiddikjara li tghaddi bl-ghajnuna socjali. Il-qorti hija tal-fehma li anke minhabba l-fatt li wahda mill-ulied ghandha bzonnijiet specjali, dan jaghmilha ferm

[2] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili 1947, Vol. 33D 1947

[3] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili 1972

[4] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili 1972

aktar difficli ghaliha li ssib xoghol ghaliex huwa fatt maghruf li wlied bi bzonnijiet specjali jirrikjedu hafna aktar hin u dedikazzjoni. Tenut kont ta' dan u tenut kont tal-fatt li l-istess rikorrenti hija kostretta li trabbi lil uliedha wahedha, u *stante* wkoll li l-intimat huwa unikament responsabbli ghas-separazzjoni ta' bejn il-partijiet, l-istess intimat ghandu jhallas is-somma ta' mija u hamsin ewro fix-xahar bhala manteniment ghall-attrici, liema manteniment ghandu jibqa' percepit sakemm l-istess attrici ma tkunx qieghda tahdem flimkien mas-somma ta' tlett mitt ewro fix-xahar bhala manteniment ghaż-żewg minuri.

**DWAR IT-TALBA GHAX-XOLJIMENT TAL-KOMUNJONI TAL-AKKWISTI**

Il-qorti tirrileva li mill-provi jirrizulta li hemm lokazzjoni tad-dar matrimonjali u xi mobbli fl-istess dar. Skond in-nota guramentata tal-istess rikorrenti, m'hemm ebda dejn. Ghalhekk, tenut kont tal-fatt li r-rikorrenti, kemm permezz tal-affidavit taghha kif ukoll permezz tan-nota taghha msemmija aktar 'il fuq, qieghda titlob li tigi assenjata l-lokazzjoni tad-dar matrimonjali sabiex flimkien ma' wliedha jkollhom saqaf fuq rashom u tenut kont tal-fatt li l-intimat abbanduna lill-familja tieghu b'mod komplut u assolut, allura l-qorti ma ssib ebda raguni ghaliex m'ghandhiex tassenja l-lokazzjoni maghmula mill-Gvern ta' Malta fuq il-fond 11, Okella Agius, Qormi Road, Hamrun esklussivament lir-rikorrenti b'dan li kull mobbli li jinsabu fl-istess dar ghandhom jitqiesu wkoll il-proprjeta' assoluta tal-istess rikorrenti.

**DWAR L-ASSI DOTALI U PARAFERNALI TAR-RIKORRENTI**

Il-qorti tirrileva li dwar tali talba m'hemm ebda prova dwar x'seta' kienu l-assi dotali jew parafernali tal-istess rikorrenti u ghalhekk, fin-nuqqas ta' tali prova, il-qorti bl-ebda mod ma tista' tilqa' din it-talba.

**DWAR ID-DEKADENZA TAL-INTIMAT**

L-artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -
(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;
(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;
(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda millpartijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;
(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.

Illi l-Artikolu 51 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

"Il-firda li ssir minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikolu 40, tista' jkollha l-effetti msemmijin fl-artikolu 48, meta l-qorti jidhrilha li, taħt iċ-ċirkostanzi tal-każ, għandhom igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, id-disposizzjonijiet ta' dak l-artikolu".

Il-Qorti tirrileva li jirrizulta car li l-intimat huwa hati ghas-separazzjoni bejn il-partijiet minhabba l-abbandun totali li huwa kkommetta fuq il-familja tieghu u ghalhekk, tara li hemm ir-rekwiziti necessarji sabiex jigi applikat kontra l-istess intimat l-Artikolu 48 tal-Kap. 16. Min-naha l-ohra, m'hemm ebda prova dwar ix-xenarji jew ic-cirkustanzi msemmija f'Artikolu 40 u ghalhekk, il-qorti ma tistax tilqa' t-talba ghall-applikazzjoni tal-Artikolu 51.

**DECIDE**

Ghalhekk, u ghal dawn il-motivi, il-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

[1] Tilqa’ l-ewwel talba fis-sens li tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija unikament imputabbli lill-intimat abbazi ta’ abbandun totali fuq il-familja tieghu;

[2] Tilqa’ t-tieni talba u tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri N u D tigi fdata esklussivament f’idejn ir-rikorrenti;

[3] Tilqa’ it-tielet talba u tordna lill-intimat ihallas is-somma ta’ mija u hamsin ewro (€150) fix-xahar bhala manteniment ghall-attrici, liema manteniment ghandu jibqa’ percepit sakemm l-istess attrici ma tkunx qieghda tahdem flimkien mas-somma ta’ tlett mitt ewro (€300) fix-xahar bhala manteniment ghaż-żewg minuri sakemm kull wiehed mill-minuri jkollu / jkollha l-eta’ tmintax –il sena. F’kaz li l-istess minuri jew wiehed jew wahda minnhom ikomplu jistudjaw fuq bazi *full-time* allura l-manteniment ghandu jibqa’ jithallas mill-intimat sakemm il-wild jaghlaq / taghlaq l-eta’ ta’ tlieta u ghoxrin sena.

[4] Tilqa’ r-raba’ talba u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet b’dan li l-lokazzjoni tad-dar matrimonjali flimkien mal-mobbli kollha li jinsabu fl-istess dar ghandhom jitqiesu bhala l-prorjeta’ esklussiva tar-rikorrenti;

[5] Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames talba stante li ma rrizultaw ebda assi dotali jew parafernali tar-rikorrenti;

[5] Tilqa’ l-hames talba limitatament ghall-applikazzjoni tal-Artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------